Nifirħu minn qiegħ qalbna lill-veteran u poeta nazzjonali tagħna DUN KARM għall-ġieħ hekk għoli illi bih ir-Reġina għażiża tagħna għoġobha żżejjen ismu bit-titlu ta' C.B.E., u ma' ismu isem Malta u l-Lsien Malti.

Meta wieħed isemmi lil DUN KARM, li għadu mimli bil-għomor jagħni dejjem bil-kitba tiegħu l-paġni tal-letteratura Maltija b'dik il-ħeġġa li għadha tixgħel f'qalbu u f'moħħu (għax il-Musa tiegħu għadha ġo fih bħal meta 60 sena ilu nħasset ġo fih fil-*Foglie d'Alloro*) ma jkunx qed isemmi ħlief l-isbaħ epoka tal-Poeżija klassika Maltija li, tista' tgħid, twieldet u kibret miegħu hekk kif il-Proża letterarja Maltija fis-Seklu ta' qabel twieldet mal-kitba romantika tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi.

Ġużè Muscat Azzopardi, l-Ewwel President tal-Għaqda u DUN KARM, il-Werriet Tiegħu f'din il-karigà kif ukoll fil-qasam letterarju Malti, jiffiguraw flimkien iż-żewġ pijonieri kbar li fetħu l-bieb ta' l-Istorja Letterarja Maltija.

Ma' isem DUN KARM sa mill-1911 hemm marbut iż-żerniq ta' ħajja ġdida għal-metrika Maltija. Kien dak iż-żmien meta f'*Il-Ħabib*, bil-ħeġġa tal-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, bdew jidhru l-isbaħ versi bil-Malti ta' DUN KARM. DUN KARM, għalkemm sa dak iż-żmien qatt ma kien għaddas il-pinna tiegħu fil-linka tal-Musa Maltija, bla ma qatt basar, kien fetaħ il-mogħdija ta' ġnejna poetika Maltija bl-ewwel poeżija tiegħu f'*Il-Ħabib*: *Quddiem ix-Xbieha tal-Madonna* li minnha mbagħad tnisslet sensiela ta' versi bil-Malti li sew fl-immaġinazzjoni kemm fil-metrika ġie li għalbu dawk li kien soltu jikteb qabel bit-Taljan minn mindu kellu 20 sena.

DUN KARM, bħala Poeta Nazzjonali, għandu l-mertu li hu l-Awtur ta' l-Innu Nazzjonali Malti b'versi li jibqgħu fil-fomm u fil-qalb ta' kull Malti li jħobb art twelidu u li jħossu kburi li twieled fiha—u dan hu mertu li għalih biss DUN KARM kien jixraqlu l-ħlas u l-ġieħ sew mill-Gvern Malti kemm ukoll mill-Imperu Ingliż. Meta DUN KARM ġiet f'idejh il-mużika tal-Prof. Dr. Robert Sammut, miktuba bla ebda ħsieb li kellha tkun dik ta' l-Innu Malti, u talbuh biex jaddattalha xi versi biex jitkantaw mit-Tfal ta' l-Iskola tal-Gvern, ra li dik il-mużika kieġietu f'rasu li joħolqilha versi wkoll solenni u dlonk jaddattalha versi ta' Innu Nazzjonali Malti. Sew



il-mużika kemm il-versi maż-żmien ħadu dik ix-xejra hekk popolari fit-ton ħelu tad-daqq u tar-ritmu u ħlewwa tal-kliem li fiha, li l-lum għall-poplu Malti dan l-Innu mhu xejn inqas għażiż minn dak ta' innijiet oħra nazzjonali fil-pajjiżi tad-dinja.

Il-*Għaqda* kienet minn ta' l-ewwel li kellha x-xorti ssemmgħu f'Kunċert Malti li kienet tat l-ewwel darba fit-Teatru Manoel, is-Sibt tat-3 ta' Frar, 1923. L-Innu tkanta mill-Bniet ta' l-Iskola tal-Gvern, kif kien maħsub li l-mużika kellha titkanta. Il-Kunċert Malti baqa' jissemma għall-programm mużiku-letterarju, iżda l-iktar ħaġa fost ħwejjeġ oħra li nstemgħu f'dak il-Kunċert u li tibqa' bħala l-iktar tifkira għażiża fl-istorja tal-*Għaqda* hu l-Innu Malti. B'riħet dik l-okkażjoni storika isem l-*Għaqda* kien u jibqa' marbut ma' dak tal-Poeta Nazzjonali Malti DUN KARM li ismu bħala poeta Malti twieled u kiber mal-*Għaqda*.

---

## IL-BNIEDEM U ALLA

*Ta'* GIOVANNI CURMI

(*Traduzzjoni ta'* ĠUŻE' CHETCUTI)

Kull ħin, bla heda,
il-bniedem kontra l-bniedem
joħloq tnassis w intrigi.

U Alla jibqa' sieket.

Kull ħin, bla heda,
il-bniedem joqtol lill-bniedem
bl-armi u bil-mibegħda.

U Alla jibqa' sieket.

Kull ħin, bla heda,
jagħmel il-bniedem lill-bniedem
kull xorta ta' inġustizzji.

U Alla jibqa' sieket.

Id-dinja tinsab kollha
taħt il-ħakma qalila
tal-ħażen u l-imbrolji
tal-bniedem.

U Alla jibqa' sieket.

Jitkellem
fil-jum tal-Ħaqq.